MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tat-8 ta' Mejju, 2006

Citazzjoni Numru. 574/1981/1

**Carmen Coppini f'isimha propriu u bhala mandatarja tal-assenti Mary armla Grech, Joseph Grech u Esther Coleiro, Donald Brincat, Joseph Lawrence Gauci, Lorenza Cacich, Frank S. Camilleri, Roma Griffiths u Francis Mizzi, Joseph Abela bhala mandatarju tal-assenti Eileen Copus.**

**-vs-**

**Carmelo sive Charles Galea.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata fl-4 ta' Gunju, 1981 li permezz taghha l-attur ippremetta:

Illi l-atturi ilhom jippossjedu ghal snin twal il-kamra b’access mit-tarag komuni tal-flats propjeta’ taghhom maghrufa bhala “Mayflower Mansions” li jinsabu f’Bisazza Street, Sliema u dejjem ghamlu uzu mill-istess kamra ghall-bzonnijiet komuni taghhom;

U illi recentement – anqas minn xahrejn ilu – il-konvenut abusivament, u kontra l-volonta’ tal-atturi fetah hajt tal-gebel fil-kamra zghira fuq imsemmija li ghandha access mit-tarag tal-flats, u imbarra l-bieb tal-istes kamra li jaccedi ghal din il-kamra b’mod li issa dan il-bieb ma jistax jinfetah;

U li kif jidhru mill-kopji tal-kuntratti tal-akkwist – hawn annessi u esebiti Dok ‘A’ u ‘B’ – il-konvenut m’ghandux dritt juza t-tarag komuni.

Ghalhekk jitlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m’ghandhiex;

1. biex fi zmien qasir u perentorju, li joghgobha ttiffissa din il-Qorti, jerga’ jaghlaq il-hajt tal-gebel li illegalment fetah fil-kamra zghira fuq imsemmija li ghandha access mit-tarag komuni tal-flats maghrufa bhala “Mayflower Mansions”, u li jnehhi l-imbarra li ghamel mal-bieb tal-istess kamra u li jerga jirranga kollox fl-istat pristin u jirreintegra lill-atturi fl-usu li kellhom tal-imsemmija kamra, u

2. jekk jghaddi inutilment t-terminu koncess mill-Qorti l-atturi jkunu awtorizzati jaghmlu x-xogholijiet mehtiega a spejjez tal-konvenut taht dawk il-provvedimenti li l-Qorti tirritjeni opportuni.

B’riserva ta’ kull dritt ghall-azzjoni ghar-risarciment ta’ danni u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittri bonarji tad-19 ta’ Mejju, 1981 u tal-mandat ta’ inibizzjoni li qieghed jigi prezentat kontestwalment, kontra il-konvenut li hu mharrek ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-atturi mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenutipprezentata fl-24 ta' Gunju, 1981 li permezz taghha eccepixxa;

1. Illi l-azzjoni attrici kif proposta minn diversi atturi f'gudizzju kolettiv hija irritwali u nulla billi giet istitwita minn diversi persuni li mhux necessarjament ghandhom interess uniku u identiku fil-gudizzju. (Vide M. Azzopardi et. vs. Carmelo Micallef P.A.16.12.1953; Galea vs. Caruana Montaldo – App. 11.10.1963; Sultana vs. Sant Fournier – App. 4.3.66; Clo. Galea et. vs. Ant. Farrugia – P.A. 3.10.1970) ghalhekk il-konvenut ghandu jigi liberat mill-osservanza.

2. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni l-eccipjent ma ikkommetta ebda spoll fil-konfront tal-atturi. Xi xogholijiet li saru, saru aktar minn xahrejn qabel il-kawza.

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat l-atti processwali u n-nota ta' cessjoni dwar il-mertu presentata fil-25 ta' April, 2006.

Semghet lill-attur Griffiths.

Rat il-verbali tas-seduti li saru quddiem il-perit legali.

Rat il-verbal tas-seduta tal-25 ta' April, 2006 li permezz taghha l-kawza thalliet ghas-sentenza wara li semghet it-trattazjoni ta' l-Avukat ta' l-atturi.

Ikkunsidrat;

Li l-mertu ta’ din il-kawza ilu snin esawrit u irid jigi deciz biss il-kap ta’ l-ispejjes.

Illi hu car li l-partijiet qablu li dawn ghandhom ikunu bla taxxa izda ghal xi raguni qatt ma sar ftehim bil-miktub kif trid il-ligi. Ghalhekk il-Qorti thoss li ma tistax tistenna iktar li dan isir u se tiddecidi b’dan il-mod.

**Ghaldaqstant il-Qorti fil-waqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-mertu stante c-cessjoni, tiddeciedi dwar il-kap tal-ispejjes billi tordna li dawn ikunu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------